MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2003

Numru 644/2003

**Artikolu 68(1)(2), 96(b), 95(1), 221(1), 325(a), 338(dd), 338(bb), 342, 338(ee), 209,**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Assistant Kummissarju Alfred Abela**
**Supretendent Carmelo Magro**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**Spettur Paul Camilleri**
**V**

**ROBERT FRENDO**
**RODERICK BALDACCHINO**
**PAUL CURMI**
**JUSTIN BALZAN**
**HERCHING MICALLEF**
**BJORN MINTOFF**
**CLINT AXISA**
**FRANCIS XAVIER CIANTAR**

**CARMEL AGIUS**
**STEPHEN EDWARD TAYLOR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ROBERT FRENDO** ta' tlieta w erbghin sena, bin missier mhux maghruf u l-mejta Susanne Frendo, imwieled Pieta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 1960 u joqghod 'Filcar', Flat 2, Triq Giusppe Despott, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 416260M, **RODERICK BALDACCHINO** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin missier Herbert u Grace nee Zammit, imwieled H'Attard nhar s-sittax ta' Settembru 1978 u joqghod 88, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 510978M**, PAUL CURMI** ta' wiehed w erbghin sena, bin Joseph u Miriam nee Bugeja, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Novembru 1961 u joqghod 'Casa Paolessa', Triq Wistin Evansin, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 685961M**, JUSTIN BALZAN** ta' dsatax il-sena, bin Vincent u Giovanna nee Spiteri, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1984 u joqghod 173, Flat 4, Triq r-Repubblika, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 222784M**, HERCHING MICALLEF** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin missier mhux maghruf u Iris Micallef, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Frar 1978 u joqghod Flat 14, Binja Hamrija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 124878M**, BJORN MINTOFF** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Joseph u Phyllis nee Borg, imwieled Pieta nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1980 u joqghod 188F, Flat 1, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 86680M**, CLINT AXISA** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Charles u Carmen nee Curmi, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Novembru 1979 u joqghod 125, Flat 3, Triq r-Repubblika, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 558879M**, FRANCIS XAVIER CIANTAR** ta' tnejn u sittin sena, bin il-mejtin Anthony u Carmen nee Borg, imwieled il-Belt Valletta nhar s-sittax ta' April 1942 u joqghod Block 4, No. 2, Flat 3, Pjazza Mattia Preti, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 271842M**, CARMEL AGIUS** ta' tmienja w tletin sena, bin

Carmel u Emanuela nee Ciantar, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Dicembreu 1964 u joqghod 21, Flat 1, West Street, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 614864M u **STEPHEN EDWARD TAYLOR** ta' erbgha w tletin sena, bin Richard u Carmen nee Balzan, imwieled l-Awstralja u joqghod 40, Flat 4, Triq il-Karmelitani, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 152090M**,** gew mressqa quddiemha akkuzati talli fit-tmienja ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-Belt Valletta, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, xewwxu jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar illi hekk migbura, bil-hsieb li jaghmlu reat;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resiztenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita komnpetenti;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara voluntarja fuq diversi premjijiet u trofej kif wkoll diversi hsarat ohra fuq il-moll liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen liema kliem kien jikkonsisti f'espressjonijiet ta'dagha;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva, fixxklu jew indahlu fid-dmirijiet tal-Pulizija jew ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew li setgha jaghmel;

Lil **Justin Balzan wahdu** talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja u dan skond d-dokument CSH esebit fl-atti datat ghaxra ta’ Settembru 2003.

Rat li l-imputati ma kellhom oggezsjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kollha u fuq tali ammissjoni il-Qorti tiddeciedi li ssib lil imputati kollha hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 68(1)(2), 96(b), 95(1), 221(1), 325(a), 338(dd), 338(bb), 342, 338(ee), 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rigwardanti l-piena l-Qorti ghandha is-sottomissjonijiet segwenti x’taghmel u dan wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss li hemm cirkostanzi specjali fejn hi ghandha tinzel taht il-minimum stabbilit mill-ligi rigwardanti piena.

Il-Qorti qieset fil-konfront tal-imputati kollha u cioe **RODERICK BALDACCHINO, PAUL CURMI, JUSTIN BALZAN, HERCHING MICALLEF, BJORN MINTOFF, CLINT AXISA, FRANCIS XAVIER CIANTAR, CARMEL**

**AGIUS** u **STEPHEN EDWARD TAYLOR salv u b'eccezzjoni ghal imputat Robert Frendo** fejn il-Qorti sejra tqies il-piena idoneja fil-konfront tieghu iktar tard f'din l-stess sentenza is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe` li evitaw telf ta' zmien ghal Qorti u spejjez pubblici;
2. L-skuza pubblika li l-stess imputati ghamlu kollha fil-konfront kemm tal-Ufficjali tal-Pulizija, kemm fil-konfront tal-Kumitat li torganizza l-Festi Nazzjonali, kif ukoll lejn il-pubbliku in generali;
3. il-fedina penali tal-imputati kollha li hija wahda relattivament nadifa bla ebda tebgha ta' kontravenzjonijiet jew reat registrat fuqha u fil-maggor parti huma *first time offenders*; u
4. l-obbligazzjoni li ghamlu l-stess imputati li jaghmlu tajjeb ghal spejjez kollha kagjonati minnhom favur il-Gvern ta' Malta.

**Ghaldaqstant fic-crikostanzi l-Qorti thoss fil-konfront tal-imputati kollha salv u b'eccezzjoni ghal Robert Frendo li tillibera lil imputati bil-kundizzjonijiet li ma jaghmlux reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre qieghda tikkundanna lil stess imputati ihallsu kollha individwalment is-somma ta' hames mitt lira bhala multa. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tali multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin.**

**In oltre tobbliga lil imputati kollha li ma jersqu fl-ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport.**

**Fil-konfront ta' ROBERT FRENDO, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz b'mod partikolari il-fedina penali tieghu.**

**Rat illi l-fedina penali tal-stess imputat m'hiex wahda indellibli kif inhi fil-konfront tal-imputati l'ohra u l-**

**Qorti ghalhekk thoss li f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax taghti l-stess piena li hija tat lil ko-akkuzati l'ohra.**

Minn naha l-ohra pero rat li l-imputat Robert Frendo wkoll skuza ruhu pubblikament lejn s-socjeta in generali, lejn l-Kumitat li jorganizza l-Festi Nazzjonali u lil Korp tal-Pulizija ghal eghmilu.

Rat wkoll li huwa lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat sofferti mill-Gvern ta' Malta minhabba l-agir tieghu.

Rat wkoll l-ammissjoni bikrija tieghu u dan l-fatturi jimmitigaw il-piena fis-sens li l-Qorti thoss li ghandha taghtih l-ahhar cans qabel ma tikkundannah piena karcerarja effettiva.
**Pero peress li l-stess imputat kien diga nstab hati ta' reat fis-sena 1990 u dan fuq reat ta' serq, il-Qorti thoss li ghandha taghti piena karcerarja liema piena qed tkun sospiza u dan bl-applikazzjoni tal-artiklu 28(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tikkundanna lil imputat ROBERT FRENDO ghal piena karcerarja ta' sena liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tlett snin u tobbligah li ma jersaqx lejn l'ebda fora f'Malta jew fl-ibhra territorjali ta' Malta sabiex isegwi kwalunkwe sports ta' natura hu li hu u tikkundanna lil stess ROBERT FRENDO sabiex ihallas multa ta' hames mitt lira liema multa wkoll tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .**

**Il-perjodu li l-imputati kollha ghandhom sabiex ma jersqux lejn postijiet fejn qed isir sports huwa ta' tlett snin u cioe` tul il-perjodu massimu tal-probation.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jonqsu li jaderixxu ruhhom maghha lil imputati kollha li minn naha taghhom ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------